# " A H J A R   M E T A   K O N T   W A H D I "

R A D J O D R A M M

T A '

CHARLES ATTARD.

# " A H J A R   M E T A   K O N T   W A H D I "

## R A D J O D R A M M

T A '

CHARLES ATTARD.

- - - - - - - - - - - - - - -

JIEHDU SEHEM:

ALFREDO

GINO

SILVIO

ELISA

GIACOMO

ARTURO

Il-ġrajja ssir fl-Italja - Żmien tal-lum.

- - - - - - - - -

Tel. C. 4265.
Sliema 1868.

22, Prince Albert Street,
Sliema.

1. X. 54.

# " AHJAR META KONT WAHDI "

## RADJODRAMM

## TA'

## CHARLES ATTARD.

- - - - - - - - - - - - - -

MUSIKA: Introduzzjoni. Tiffejdja w:

HOSS : Kant ta' ghasafar. Mill-boghod tinstama' riesqa karrozza - tasal fil-qrib - tieqaf - il-bieba taghha tinfetah u tinghalaq bissalt - passi - daqq ta' qampiena elettrika - bieb jinfetah.

Alfredo: (Ferriehi) Gino!

Gino : (Sorpris) Alfredo!

Alfredo: Ghaddi, ghaddi, habib.

Gino : Ma kont nobsor qatt li se narak hekk ghall-gharrieda. Mita qrajt ismek fl-ittra li baghatli, qaghadt nahseb min jista' ikun Alfredo Rinaldi. Emminni, habib, qatt ma ġejt int f'mohhi - Ismek kont insejtu ghal kollox.

Alfredo: Ghandek raġun - ilna ma niltaqghu aktar minn hmistax-il-xxx sena.

Gino : Minn dak inhar li hallejna l-iskola, ma ntqajniex aktar. Il-mamà, Alfredo, il-mamà, kif inhi?

Alfredo: Il-mamà! Il-mamà ilha mejta erba' snin.

Gino : Miskina... kienet tassew mara tajba. U int, ma ghandniex x'inghidu, wara l-mewt taghha, hallejt dik id-dar u ġejt tghammar hawn.

Alfredo: Iva... ~~il-mewt tal-mamà, ma hallietnix nghammar iżjied f'dik id-dar~~. Kull fejn kont indawwar wiċċi, kont nilmaghha thares lejja, donnha trid xi haġa minni - il-frattarija tal-Belt kienet tkompli ssewwidli qalbi - kont niftakar kemm il-mama' kienet thobb is-soċietà w ghalhekk jien fittixt is-skiet, il-hemda tall-Gholjiet.

Gino : Hawnhekk, ghandek dar helwa tassew. Kieku kelli niġi noqoghod hawn, niġi minghajr ma nahsiba xejn - x'hemm isbah mill-kwiet fid-dinja?

Alfredo: Fil-kwiet, wiehed isib is-serhan tal-mohh; il-qalb ukoll tkun fil-hena taghha - fis-skiet, titniegħed bla hatt ma jismaghha.

Gino : Sewwa qieghed tghid. Fil-kwiet, jiena nhossni bniedem iehor. Xi ġmiel ta' veduta.... Ta' min huma dawk il-baqar, Alfredo?

Alfredo: Tighi, habib. Ara, dawk in-naghaġ, ghadni kemm xtrajthom ix-xhar l-iehor.

Gino : Sbieh, sbieh tassew; Alla iseddaqhomlok - U dawk it-tiġieġ? dawk il-papri w il-hamiem?

Alfredo: Kull ma tara madwar din id-dar, huwa kollu tighi, habib.

Gino : Imma kif tilhaq ma dawn l-annimali kollha?

Alfredo: Tahseb li jiena nghaddi ż-żmien billi noqoghod nitpaxxa bil-ġmiel w il-hdura ta' dawn l-gholjiet? Hawnhekk jiena nahdem bla heda - bil-paċenzja, kollox naghmel - mita nkun imdawwar bl-annimali, nkun fil-hena tighi.

Gino : Hajja sabieha tassew. Ghandek il-xi hatt li jghix mighek f'din id-dar?

Alfredo: Le, hawnhekk, jiena nghix wahdi.

Gino : Kif jista' jkun? Min isajjarlek? Min jixtrilek?

Alfredo: Hares lejn dawk l-eghlieqi li hemm, hemm isfel. Dawk lili ituni dak kollu li jkolli bżonn - ~~dwar il-laham, bajd u halib, m'hemmx ghalfejn nghidlek, ir-razzett tighi, jaqdini mill-ahjar.~~

Gino : U ghal-hobż, kif taghmel?

Alfredo: Kull nhar ta' ~~Hmaies~~ Hamis mita nniżżel il-bhejjem il-biċċerija, intella' mighi ftit tqiq w il-hobż nahdmu jien stess.

Gino : Trid tkun tassew Alfredo Rinaldi biex tghix hekk. ~~Il-hemda li hawn qisa dik ta xi Ċimiteru.~~

Alfredo: Le, habib, trid tkun ġarrabt it-telfa ta' dik li ġibitek fid-dinja biex tghix wahdek f'din il-hemda.

Gino : Alfredo kont insejt li jiena mghaġġel - tista' tghidli ghaliex baghadt ghalija? Nghidlek is-sew ma nistghax indum wisq - illum irrid inżur hafna pazienti.

Alfredo: Dak li ġaghalni nibaghat ghalik, habib, lilek forsi iġaghalek tidhaq - lili, nghidlek li qighed jifnini, li tajjar minn fuqi il-hila w l-enerġija li kelli.

Gino : Kliemek qieghed jaghmilni kurjus, Alfredo.

Alfredo: Il-hsieb tighi li niġi nghammar qalb dawn il-gholjiet, kien dak li jiena ninsa l-mewt tal-mamà tighi - li nbieghed minn quddiem ghajnejja dak l-ambient li hija kienet tghix fieh. Dan il-hsieb, donnu li ma rnexxilix, ghaliex kull ma mmur, donni iżjied naraha quddiemi - ukoll mita inkun qieghed nitma l-annimali - donni naraha hdejja - naraha tghini, tkellimni - tfakkarni fl-hena taghna mita konna flimkien.

Gino : Alfredo, l-imhabba li kellek ghal mamà tighek, ma thallikx tinsa malajr l-imghoddi. Ftit ilu, jiena ghedtlekli trid tkun Alfredo Rinaldi biex tghix hekk wahdek qalb dawn l-gholjiet. Iva, biex int ġejt tghix hawnhekk wahdek, int kellek ghalmu qawwi.

Alfredo: Dan il-ghalmu issa hallieni ghal kollox. Sirt qisni tifel ċkejken - kull hoss li nisma, ninhasad bhal tarbija - sirt nibża' sa mill-istess dell tighi. Dan kien li ġaghalni nibaghat ghalik, habib. Nibża li qieghed niffissa - Nibża li ftit ihor nitlef is-sensi... insir miġnun... Qieghed tifhimni Gino?

Gino : Le, le, Alfredo... Dak Iint qieghed issofri, ġej biss mill-ħemda li hawn madwarek. Il-moħħ, fis-skiet jaħdem wisq aktar milli f-ambjent frattarjus. Fil-ħemda, il-moħħ, ipinġi bl-isbaħ ~~lewn~~ lwien l-imgħoddi ta' dak li jkun. Fil-ġejjieni, int, ftit li xejn taħseb - għalik, l-imgħoddi biss ifeġġ quddiemek, għaliex dan kien li messlek qalbek.

Alfredo: X'għandi nagħmel allura, biex ninsa... biex inħassar għal kollox il-ħsieb tall-imgħoddi?

Gino : Ħaġa waħda biss tista' tfejqek. Hemm bżonn l-int tidbiegħed minn hawn - tfiettex mkejjen oħra, imkejjen ħajja.

Alfredo: Kif jista' jkun?

Gino : Hemm bżonn, hemm bżonn, Alfredo. Il-ħajja tal-Belt tnissik w iġġagħalek taħseb fi ħwejjeġ oħra.

Alfredo: (Imdejjaq) Ħaġa li ma nistgħax nagħmila.

Gino : Għaliex? Għaliex għandek bilfors tgħix qalb dawn l-għoljiet? Taħseb li kull min imutlu xi ħatt, għandu jidbiegħed minn ħbiebu w imur fil-bogħod?

Alfredo: Int ma tistgħax tifhimni, tabib... Fil-Belt, jiena ma sibx ħajja - ma nsibx hena, imma niket, imrar w mibegħeda.

Gino : Imrar u mibegħeda.... Allura m'hux il-mewt biss, ġagħalitek tiġi tgħix hawnhekk.

Alfredo: Le...le... m'hux il-mewt biss... din id-darba, kienet l-imħabba li ġagħalitni naħrab mnejn għext u trabbejt sakemm kelli 22 sena.

Gino : L-imħabba!.. Żagħżugħ bħalek tistmerr l-imħabba.

Alfredo: Għaliex qieghed tistagħaġeb? L-imħabba tista' tagħmlek hieni w tista' tnikktek. Jista' jkun l'int għadek qatt ma ħabbejt?

Gino : Jien? Jien ħabbejt għal-darba, tnejn, tlieta.... Bħala bniedem illawrjat, kont jien li ħrieġt rebbieħ għax ma lqajtx mill-ewwel dak li offrietli l-imħabba - jiena ssielitt magħha sakemm tatni fi ħdani dak il-fjur li seta' jhennini.

Alfredo: U xi tgħidli jekk ngħidlek li dan il-fjur iltqajt miegħu mill-ewwel? Xi tgħidli jekk dan il-fjur, wara li saħħarni warajh, tbiegħed minni tant li ma stajtx nilħqu aktar? Bħal ma għedtlek, Tabib, l-imħabba, illum jiena nistmerra, irrid b'kull-mod nitbiegħed minna.

Gino : Bħala żewġt-iħbieb, naħseb li ma jimpurtax jekk nistaqsik x'inhu jġagħalek tagħmel dan? Il-bniedem ma jistgħax jgħix mingħajr ~~din~~ l-imħabba; din hija l-istess ħajja. ~~għal-bniedem~~.

Alfredo: M'hux għalija. L-imħabba, għalija, hija Mostru... mostru li qered minni l-hena ta' żogħożiti. Staqsejtni x'ġagħalni nistmerr l-imħabba. Ismagħni, tabib, u għidli jekk għandix raġun nibża niltaqa' ma'dik l'int sejjaħtilha l-istess ħajja.

Gino : Għidli, Alfredo, kliemek inissini li jien mgħaġġel.

Alfredo: Kien għad kelli tnejn u għoxrin sena. Flimkien mal-mamà u ma' ħija Silvjo, konna ngħixu f'dik id-dar li kien ħallielna il-papà.

Gino : Iva, niftakarha - kienet dar ħelwa tassew.

Alfredo: Għalkemm lil papà, konna tlifnieh mita konna għadna żgħar, il-mamà, bl-għaqal tagħha, rabbietna w edukatna daqskemm kieku il-papà kien għadu ħaj.

Gino : Lil mamà niftakarha tajjeb - kienet tassew mara tad-dar.

Alfredo: Darba waħda, fid-dar ta' biswitna, ġiet tgħammar tfajla ta' xi 19 il-sena - tfajla ħelwa, imżejna b'manieri mill-aħjar. Il-ħarsa ta' għajnejha, mill-ewwel laqtitni ~~lil qalbi~~ - fija minnufieh, nibtet ~~għalieha~~ imħabba - imħabba bla ħila.

Gino : X'iġifieri, Alfredo?

Alfredo: Iġifieri li għalkemm kont innamrajt minnha, għalkemm ta' sikwiet kont niltaqa' magħha, jiena qatt ma kelli l-ħila nwaqqafha w nurieha bl-imħabba tiegħi. Ħafna drabi weġġħedt lili n-nifsi li l-ewwel darba li naraha, inkellimha - Kienu weġħedièt fiergħa - Mita kienet tfeġġ quddiemi, kienet titla għoqda fi griżmejja, insellimilha bil-mistħija w nibqa' sejjer daqskemm kieku għalija ma kienet tfisser xejn.

Gino : U hi, qatt ma ntebħet l'int kont tħobba?

Alfredo: Naħseb li lè.

Gino : Għaliex?

Alfredo: Għaliex darba waħda, mita kont risolut li nwaqqafhà w nurieha li jiena nħobbha, rajtha id, f'id, ma' ħija Silvjo, [mixjin] ~~miexja~~ flimkien, ~~[illegible]~~, ~~[illegible]~~, mitlufa fl-imħabba ta' bejniethom.

Gino : Issa qiegħed nifhem.

Alfredo: Il-ħila, hawn ħallietni għal kollox - f'dak il-ħin, xtaqt l-art tiblagħni - demmi, ħassejtu tiela f'rasi - li kieku dak li kien magħha, ma kienx ħija... ngħidlek li kont nisfidaħ u nissielet miegħu għal mewt.

Gino : Imsejken....

Alfredo: Il-biża li b'għemili nista' ninkwieta lil mamà, ħassarli kull-ħsieb ta' mibegħeda għal ħija - sellimtilhom u bqajt sejjer newden u nisħet lil xortija. — [Pawsa]

~~Gino : Stilla kerha.~~

~~Alfredo: Stilla li għamlitni għall-għomri bniedem imnikket.~~ Għaddiet sena w Silvjo w Elisa ~~kienu ta' xulxin~~ [mżewġin]. Dan iż-żwieġ lil ħija, flok ma ġabru, donnu ~~li aktar~~ sfrattah.

Gino : Ħuk Silvjo, minn dejjem kien bla għaqal.

Alfredo: Il-mamà, nista' ngħid li mietet bilgħali tiegħu. Ftit xhur wara li kien ilu miżżewweġ, bħal ma naħseb li taf, kien weħel sitt xhur ħabs, fuq firma falza li kien għamel.

Gino : Iva! Jiena kont smajt xi haġa w din kienet ir-raġuni li ma staqsejtekx għalieh; ma xtaqtx infakkrek f'dak li kien ġara.

Alfredo: B'dik l-għalja, il-mamà, ftit wara kienet mietet u jien ~~allura~~ sfajt wahdi. Xejn ma sata' jsabbarni - xejn ma ~~sata~~ sata' inissini - Jiena tbiegħed - tbiegħed biex ninsa - ninsa l-mewt w l-imhabba. Bhal ma ġa għedtlek, il-mamà, dejjem qegħeda hdejja, dejjem fi hsiebi.

Gino : Alfredo, isma minni, tbiegħed minn din id-dar, minn din il-hemda li hawn madwarek. Fil-Belt, inti tinsa - il-hbieb, it-Tijatru, is-sfin, inissuk l-imgħoddi w iġagħaluk tahseb biss fil-ġejjieni... Wegħedni li tiġbor hwejjġek u tiġi tgħix miegħi fil-Belt.

Alfredo: Ma jist~~għ~~ax ikun... Fil-hbieb, fis-sfin, fit-tijatru, jiena ma narax għajr qerq u fruha... Fil-hemda ta' dawn il-għoljiet, imdawwar bil-hdura w bl-annimali, għall-inqas, ngħix fil-paċi w fil-kwiet.

(MUSIKA Qawwija. Tiffejdja bil-mod w jinstama ragħad u xita )
(fil-bogħod. Qampiena elettrika, iddoqq imgħaġġel. )

A Min jista' nqala' dal-hin? ~~Sgur xi hadd li nqabad f'dal-maltemp qalb dawn l-għoljiet.~~

HOSS: (Passi - Bieb jinfetah - Ix-xita w ragħad, issa jinstemgħu aktar filqrib.)

(Sorpris:) Silvio!...

Silvio : (B'nifsu maqtugħ:) Al..fredo.

Alfredo: Għaddi, għaddi, għax qiegħed tixxarrab.

HOSS: (Bieb jingħalaq. Ix-xita, issa tinstama aktar fil-bogħod.)

Silvio : Ahfirli, Alfredo, jekk iddisturbajtek.....

Alfredo: Xejn, xejn hi... inhossni ~~biss~~ kurjus, x'ġagħalek tiġi żżurni f'temp hekk ikreh.

Silvio : Iċ-ċirkustanzi, Alfredo.

Alfredo: Milli tidher, ġralek xi haġa, Silvio. Għidli x'ġara.

Silvio : Alfredo.......

Alfredo: Jaqaw ~~Forsi~~ Elisa???

Silvio : Le, le... Jien... jien kelli nitbiegħed mill-Belt.

Alfredo: Tidbiegħed mill-Belt!... Int ukoll? Għidli x'ġara.

Silvio : (Imbikki:) Il-blugħa... il-blugħa għamlitni halliel mill-ġdid.

Alfredo: (B'lehen għoli w mbażża' fl-istess hin:) Halliel!... Silvio!

Silvio : Għandek raġun... naf li bi kliemi qiegħed ninkwietak... kontra qalbi kelli niġi hawn... bhall-issa, ninsab imfittex mill-pulizija.

ghaliex, x'ghamilt

**Alfredo:** ~~U x'kienet is-serqa~~ din id-darba?

**Silvio :** Flimkien ma' wiehed habib tighi, tajna s-salt lil wiehed ibiegh id-deheb.

**Alfredo:** U nqhattu?

**Silvio :** Iva! Waqt li konna qeghedin niskassaw il-bieb, tfaċċa(w) fuqna il-pulizija.

**Alfredo:** Kif irnexxielek tahrab?

**Silvio :** Billi kellna l-karrozza maghna, qbisna fieha w hrabna minnufieh.

**Alfredo:** Imma mita behsiebek trabbi l-ghaqal? X'taghmel issa, jekk il-pulizija jiġi ifittxuk hawn?

**Silvio :** Il-pulizija ~~qegheda~~ qeghedin l-boghod hafna; lil ~~din~~ dawn tlifnieha(om) mita tfajna l-karrozza minn fuq gholja ghall-isfel.

**Alfredo:** U Elisa, x'sejra taghmel issa?

**Silvio :** Marti m'hix sejra tmut bil guh - x'imkien issib tahdem.

**Alfredo:** Ghidli ghall-inqas l-int behsiebek turieha l-int ghadek haj.

**Silvio :** Dan ġa ghamiltu - Baghat nghidilha ma' wiehed habib tighi.

**Alfredo:** Imsejkna mara.

**Silvio :** Kif insib nahdem, jiena nikri w nibghat ghalieha. Ghidli hi iżżommni mighek, sakemm insib nahdem x'imkien?

**Alfredo:** Inżommok taht patt.

**Silvio :** Liema hu, hi?

**Alfredo:** Dak li kif issib ix-xoghol tikri ghal rasek. (Irti taf li) Wara l-mewt tal-mamà, jiena kont ~~kilix~~ weghedt lili n-nifsi li ghandi nghix wahdi.

**Silvio :** Minn ghada stess, jiena nohroġ infittex ix-xoghol - Tibżghax, jiena ma ndumx wisq mighek, kif insib ~~nahdem~~, jiena nhallik fil-paċi

MUSIKA ftit fit-tul. ← Hoss. Damperina elettrika. Beit jiġi ppe[illegible]

**Alfredo:** (Sorpris) Elisa!!!...

**Elisa :** (Kommossa:) Alfredo!...

**Alfredo:** Ghaddi, Elisa, ghaddi.

**Elisa :** Alfredo, ġejt inkellmek fuq huk.

**Alfredo:** Oqoghod bilqeghda, Elisa.

**Elisa :** Grazzi... Alfredo... huk Silvio ilu nieqes aktar minn hmistax il-jum. Ġejt nistaqsik jekk tafx x'sar minnu.

Alfredo: Kif? Ma tafx li Silvio, qieghed jghix hawn mighi? Kien qalli li kellu jibaghat jghidlek.

Elisa : Kif jista' jkun??? Le! Huk ma qalli xejn. Silvio kien hareġ ghax-xoghol bhas-soltu w ma regghax l-ura aktar.

Alfredo: Naf... naf Elisa.

Elisa : Taf li d-dar, ~~giet~~ gew jfittxuhl-Pulizija?

Alfredo: Stajt nahseb. ~~Huwa~~ Qalli li ~~l-Pulizija qeghda tfittxu.~~ kienu kważi qabduh.

Elisa : X'wahda din... ~~X'inhi l-htija tighu~~ x'ghamel issa, Alfredo?

Alfredo: Ma tafx?

Elisa : Le, lil-Pulizija, ma ssugrajtx naghmlilhom mistoqsija wahda biss.

Alfredo: Elisa, Silvio reġġha żbalja ghat-tieni darba.

Elisa : Reġa' mess xi flus???

Alfredo: Din id-darba, ma lahaqx... qabduh fil-fatt.

Elisa : U harab....

Alfredo: Harab u ġie hawn.

Elisa : (Imbikkija ghal kollox:) Kemm kelli ~~nsofri~~ nbati ghan-nuqqas ta' ghaqal tighu...

Alfredo: Ghandek raġun, Elisa... Il-mamà tighi wkoll ~~sofriet~~ batiet hafna mhabba fich - bil-ghali tighu, nqerdet f'daqqa wahda - Jiena kemm il-darba ttantajt niftahlu ghajnejh, ġie li wieġibni hażin ukoll - issa qtajt qalbi... ġa ghedtlu biex ifittex jitlaq minn hawn.

Elisa : X'inhu jaghmel bhall-issa?

Alfredo: Hareġ - Qalli li qieghed ifittex ix-xoghol.

Elisa : (Kommossa:) Ifittex ix-xoghol!... Kemm il-darba kellu postijiet tajba? Kemm il-darba tlabtu jrabbi l-ghaqal?

Alfredo: Sh.... sh.... Qieghed nisma l-passi - Ghandu jkun wasal.

MOSS: ( Passi - Bieb jinfetah)

Silvio : (Sorpriż:) Elisa!

Elisa : ~~Iva, Elisa... li~~ gejt nfittxek biex nara x'sar minnek.

Silvio : Imma x'gejt taghmel hawn? Ma tafx li jien mahrub???

Elisa : Naf m'hux ghax ghedtli int, imma ghax ~~giet~~ gew jfittxak il-Pulizija.

Silvio : Elisa, int ghamilt hażin gejt warajja - Il-Pulizija, issa ~~timxi wara l-passi tieghek w~~ isibuni.

Alfredo: (B'lehen gholi) Silvio! Lil Elisa, int hallejtha wahida, minghajr ma ghedtilha fejn sejjer....

Silvio : (B'lehen żorr) Alfredo!....

Alfredo: Tahseb li marthek setghat toqoghod kwieta mita ma ~~kienitx~~ [kienet] taf x'sar minnek? Mita kienet taf li l-Pulizija qeghedin jigru warajk? Mita forsi anqas hallejtilha flus biex tghix???

Silvio : ~~Jiena mitluf... Il-Pulizija, issa issir taf fejn jien~~ [Issa sgur jaqbduni].. Htija ta' dan tkun int biss Elisa.

Elisa : Ghal dan, jiena qaghadt attenta hafna... Kif qallek Alfredo, il-flus kienu spiċċawli w ghalhekk kelli niġi hawn fejn stajt insib min ihenn ghalija,

Silvio : Hija m'hux sejjer iżomma t-tnejn - Elisa, hemm bżonn li terġa l-ura.

Elisa : Jiena ġejt biex nibqa' mighek kull fejn tmur - jiena marthek u ma rridx noqoghod aktar wahdi. Alfredo ma jghid xejn jekk nibqa' mighek sakemm issib tikri band'ohra.

Alfredo: Elisa, Silvio weghedni li kif isib jahdem, ghandu jitlaq - billi tibqghu hawn flimkien ghal ftit jiem ma jimpurtax.

Elisa : Qieghed tara, Silvio? Huk huwa qalbu tajba hafna.

Alfredo: Ejjew issa, nieklu xi haġa, Elisa nahseb li jiffjakkat hux tassew? [Jigu]

Elisa : ~~Iva... Dawn il-gholjiet... dal-hxejjex jifthulek l-aptit - ituk il-hajja.~~

MUSIKA sentimentali. . . . . . . . . . . . . . . . F/O.

HOSS: ( Daqqiet ta' skalpell fuq il-hadid)

Elisa : (Imbażża') X'wahda din? Dan x'hoss hu??

HOSS: ( Il-hoss ikompli jinstama')

Donnu fil-kamra t'isfel... Jista' jkun li Alfredo raġa' l-ura? Silvio qalli li ma kellhux jiġi daloghodu... Ikolli immur nara.

Hoss: (Il-Hoss ikompli, imsieheb issa minn passi hfief ta' Elisa.)

(Miblugha:) Silvio!....

Silvio : X'gara? X'inżilt taghmel? Mur l-ura fil-kamra tighek.

Elisa : (Ittemtem:) Imma... imma x'inti taghmel hemm?

Silvio : (Żorr) Ghedtlek mur fil-kamra tighek... Hażin ghalik jekk tohroġ xi kelma minn fommhok.

Elisa : Imma kif??? Sejjer tisraq ukoll lil huk Alfredo?

Silvio : Ghalaq halqek ghedtlek... Mur fil-kamra tighek u hallini.

Elisa : Le! Int ma tghamlux dan il-pass... Alfredo laqaghna ġewwa daru w issa... issa ghax fdana wahidna... int sejjer tisirqu... Isma minni Silvio, erġa' l-ura minn dan li sejjer taghmel.

Silvio : (B'lehen fgat:) Elisa, bħall-issa jiena bniedem iddisprat - Mur għedtlek u ħallini - jiena għandi nati somma ta' flus; sa għada irrid inħallasa, jekk le.......

Elisa : Jekk int titlob lil ħuk Alfredo, m'hux sejjer jiċħadlek din is-somma.

Silvio : Elisa, sakemm Alfredo jerġa' l-ura, jiena irrid inkun il-bogħod minn hawn - Mur ilbes u ejja miegħi.

Elisa : Le... dan ma nagħmlu qatt - Jekk int tmiss dawk il-flus... inkun jien stess li nwasslek f-idejn il-Pulizija.

Silvio : Warrab, Elisa, warrab u ħallini ngħaddi.

Elisa : Lè... minn hawn ma toħroġ qabel tqiegħed dawk il-flus flokhom.

Silvio : (Bir-rabja u b'lehen fgat) Għedtlek warrab min-nofs....

Elisa : (Waqt li twerżaq:) Le... le... minn hawn ma toħroġx....

Silvio : Erħini... erħili driegħi.....

Elisa : Ajjut!... Ajjut!.....

Silvio : Mara... stinata.....

Elisa : (B'lehen fgat għal kollox) Qiegħed tifgani... ajjut.... ajjut......

Silvio : (Iddisprat) Noqtlok.... iva... noqtlok.....

Elisa : Hnie..... na.....

Silvio : (Isamma' karba twila) Aaaa.... aah.....

Elisa : (B'nifisha maqtugħ:) Bniedem kiefer.....

<u>Hoss:</u> ( Sitt tokki ta' arloġġ) - ( Bieb jinfetaħ - passi - bieb jingħalaq)

Alfredo: (Imbażża':) Elisa!... Elisa!.... X'għamilt b'idejk???

Elisa : (Bħal waħda li issa ġiet f'sensieha:twerżaq fit-tul:)

Aaaaaaaaah........ (Tinfexx tibki)

Alfredo: (Kommoventi:) Mejjet!.... Elisa!.. Qtilt lil ħija.....

Elisa : (Imbikkija għal kollox:) Aħfirli... Kien sejjer jisirqek...

Alfredo: Jisraqni!

Elisa : Iva... riedt inżommu... kien qiegħed jivgani w biex neħles mill-mewt... xejjertlu daqqa b'din l-istanga... iva... ~~ilqattu fuq ngħasu~~... Aħfirli Alfredo... aħfirli... jiena ma riedx noqtlu.

Alfredo: Inħossni sejjer niġġennen... x'waħda din....

Elisa : Xejn tibża, Alfredo... Jiena stess immur nirrapporta d-delitt tiegħi.

Alfredo: Le... Int ma ~~tillargax~~ tohrogx minn hawn. Billi tixli lilek in-nifshek, ħija ma jieħux il-ħajja..... Int tkun qegħeda tkattarl id-dwejjaq tiegħi. Elisa, dak li għamilt ħemm bżonn li jibqa' mistur.... Wegħedni li tibqa' siekta.

Elisa : Tostorni! Kif jista' jkun? Sejjer taħfirli mita jiena neħħejt l-istess ħajja ta' ħuk Sulvio.

Alfredo: Elisa, li għamilt int, għamiltu biex taqbeż għalija, għamiltu biex tiddefendi ruħek - Wegħedni li tibqa' siekta.

Elisa : Kollu għal xejn li tittanta tostorni - illum jew għada, id-delitt tiegħi jiġi mikxuf. Ħallini immur b'riġlejja - ma irridx li int issir kompliċi miegħi... jiena nuriehom li dak li għamilt, għamiltu biex niddefendi s-sewwa - biex neħles minn dawk l-idejn li kienu qed jivgawni.

Alfredo: Kliemek ma jiġix emmnut, Elisa. Jiena w int ninsabu flimkien mal-katavru ta' ħija. Min iġagħal temmen lil Pulizija, li jiena w int ma aħniex kompliċi? Jekk m'hux għalik, Elisa, għalija nitolbok li tibqa' siekta... Jiena ilqajtkhom ġewwa dari - għamilt magħkhom dak kollu li stajt - ksirt il-wegħeda li kont għamilt lili n-nifsi w issa, issa niġi mixli bħala kompliċi fil-mewt ta' ħija... Ma jistax ikun Elisa... dan id-delitt hemm bżonn li jibqa' mistur.

Elisa : Għalik, jiena nagħmel dak li tgħidli... Alfredo... x'sejrin nagħmlu b'dan il-katavru... ~~ikkarsaxti~~ id-deħera tiegħu qegħeda tkexkixni.

Alfredo: Għalaq dawk it-twieqi - Il-lejla, fid-dlam, flimkien nidfnuh f'għorfa li għandi f'waħda mill-egħlieqi.....

<u>MUSIKA qawwija.fit-tul</u>............................ F/O.

<u>HOSS</u>: (Bieb jingħalaq bil goff)

Elisa : Kont ġejja ngħajjatlek, Alfredo.

Alfredo: Jaqaw ħadt ħsiebi, Elisa?

Elisa : Billi s-soltu, ma' nofs-in-nhar tkun hawn, ngħidlek is-sew, ġa qliebt l-ikel.

Alfredo: Kont qiegħed inqarwes in-nagħaġ - ~~waħda minnhom ħabtitni ħafna~~.

Elisa : Aħjar nieklu, Alfredo, illum malajr jiksaħ.

Alfredo: Għandek raġun. X'sajjarna sabieħ?

Elisa : Ftit minestrina, laħam u patata moqlija.

Alfredo: Int ma ħawnx għalik, Elisa. Għal-kċina tinqala tassew.

Elisa : F'dawn l-egħlieqi ssib dak li trid u għalhekk ma nistax ma nsajjarx tajjeb.

Alfredo: Mita kont insajjar jien, dejjem kont niekol l-istess - ħaxix mgħolli w laħam moqli.

Elisa : Ir-raġel ma ġiex maħluq biex isajjar.

Alfredo: Sewwa qegħeda tgħid, illum qiegħed nara kemm hi ħaġa kerha li raġel jgħix waħdu. F'dawn is-sitt-xhur li ilek hawn Elisa, jiena nħossni nbdielt bħal-lejl min-nhar.

Elisa : Tassew?

Alfredo: X'jidhirlek? Mita kont waħdi - Mita kont niġi bħal dan il-ħin, kont irrid insajjar - issa niġi w insib l-ikel lest - ħwejjġi kont ukoll irrid naħsilhom jien - illum, insibhom indaf; le, le, ir-raġel m'hu xejn waħdu.

Elisa : Jiena ~~kamtxmiskamtxax~~ ma kontx nemmen mita kienu jgħiduli li int tagħmel kollox waħdek.

Alfredo: Xejn ma kont naraha bi kbira, imma illum li għandi lilek, inħossni bniedem ieħor - inħoss li ma għandi ħila nagħmel xejn; donnu li hawn ġew ma imissx aktar lili. X'hemm isbaħ milli tiġi minn barra w issib kollox lest - kemm hi ħaġa sabieħa li wieħed ikollu sieħba.

(Pawsa.)

Elisa! Jiena w int nistgħu ngħidu li naqblu f'kollox - l-istess manieri, l-istess natural. Elisa, ma jidhirlekx li aħna ġejna maħluqa għal xulxin?

Elisa : Alfredò!...

Alfredo: Għandek raġun. Jiena qatt ma kellimtek hekk - qatt ma wrejtek li nħobbok, imma kemm iżjed tistagħġeb jekk ngħidlek li din l-imħabba nibtet fija mita int kont għadek xebba.

Elisa : Kif jista' jkun? Jien kont narak kulljum u qatt ma tgħarraftli xejn.

Alfredo: Bla ma naf għaliex, jiena kont nistħi minnek - kont nibża li tiċħadli l-imħabba tiegħi - għalxejn kont inwiegħed lili n-nifsi li nwaqqfek u nurik li nħobbok... kont nisħet lili n-nifsi mita kont nara li jien daqshekk bla ħila. Mita sirt naf l-int tħobb lil ħija, jiena riedt naħrab lil Belt - riedt nitbiegħed għaliex bżajt li nsir noboghod l-istess demmi.

Elisa : (Kommossa:) Imsejken Alfredo.

Alfredo: Għidli li tħobbni, Elisa. Urini għall-inqas li għandek xi ġibda lejja. Bejnietna m'hemm xejn aktar li jifridna - Jiena w int ngħixu ħinja fl-imħabba ta' xulxin.

Elisa : Le, Alfredo. L-imħabba li għandek għalija, jeħtieġ li tgħib fix-xejn. Jiena qatt ma nista' inkun tiegħek.

Alfredo: Tgħidx hekk, Elisa, jiena ħabbejtek... ħabbejtek mingħajr ma int kont taf... Mita rajtek f'dirgħajn ħattieħor, jiena bqajt sieket, għax dan kien ħija, imma issa... issa li bejnietna m'hemm xejn aktar, nitolbok li ma tiċħadlix l-imħabba tiegħek.

Elisa : Alfredo, mita kont għadni żagħżugħa, imħabbti seraqieli ħuk Silvio; illum li kbirt u qalbi tinsab marida b'dak li ġrali, inħoss li nkun qegħeda inqarraq bik jekk ngħidlek li nħobbok. Qalbi ma tistax tħobb aktar.

Alfredo: Elisa, mighi ma jkun jonqsok xejn - flimkien, fl-imħabba, aħna ninsew l-imgħoddi - dak li ġara ma kienx tort tiegħek - kien tort ta' ħija - Għidli li tħobbni, Elisa.

Elisa : Alfredo!...

Alfredo: (Elisa... Ħallini nbusek... ħallini ngħanqek mighi...).

(Jidbewsu)

<u>Ħoss:</u> (Jinstemgħu sitt tokki ta' arloġġ)

Elisa : (Imbażża' għal kollox) Le... le.. ħallini Alfredo... dawk it-tokki qegħedin ifakkruni fieh... qiegħed narah iħares lejja... le.. le.. ma jistgħax ikun...

Alfredo: X'inti tara, Elisa? Għaliex hekk inti mbażża'?

Elisa : Dak l-arloġġ... kull mita idoqq niftakar fid-delitt tighi... ~~Dak inhar, mita xejjirtlu b'dik il-ħadida...~~ daqq ~~siit~~ tokki ~~li~~ baqgħu jidwu f'widnejja kull-kwarta, kull-nofs siegħa w kull siegħa... kull mita nismagħhom.. nara lil Silvio mejjet f'riġlejja b'għajnejh imsammra fuqi....

Alfredo: Elisa, din hija fantasija ta' moħħok... Insa dak li għadda minn għalina... Għaddew ġa sitt xhur w ebda suspett ma waqa' fuqna... Għamel kuraġġ - għidli li trid tibqa tgħix mighi bhala..

Elisa : Iskot... Jekk smajt sewwa riesaq xi ħatt.

Alfredo: (Waqt li jinstemgħu l-passi fil-bogħod) Iva! Min sata' ġie jżurna? Mur ġewwa. Elisa - minn ġie nkellmu jien.

<u>Ħoss:</u> (Passi - bieb jinfetaħ)

Giacomo: L-għodwa t-tajba - Jekk jogħoġbok, hawnhekk joqogħod is-Sur Silvio Rinaldi?

Alfredo: (Sorpris) Silvio Rinaldi??? Silvio ~~huwa~~ ħija... imma ma joqogħodx hawn... Għaddi, għaddi w oqogħod bilqegħeda.

Giacomo: Niżżi ħajr, Sur Rinaldi. Jien ~~huwa~~ Giacomo Vecchi - Ftit ilu, is-Sur ħuk, kien tani dan l-indirizz - kien qalli li joqogħod mighek u billi ili ma narah ħafna, ġejt biex narah għax għandi bżonn inkellmu.

Alfredo: Ħija tassew li kien għamel x'erba'tijiem mighi, imma ilu li telaq ħafna.

Giacomo: Tista' jekk jogħoġbok tgħidli fejn mar?

Alfredo: Naħseb li jekk ngħidlek ma nafx, ma temminnix, hux tassew?

Giacomo: Ħaġa kurjusa, Sur Rinaldi... Wisq naħseb li din it-twiġiba qallek biex ittiħieli s-Sur Silvio... Ma jimpurtax... jien inkun naf fejn mar, aktar milli jaħseb hu. Saħħa sur Rinaldi.

Alfredo: Saħ...ħa....

<u>Ħoss:</u> (Bieb jingħalaq bis-salt. Passi ħfief )

(Eccitata)

Elisa : Minn hu dak ~~is-sinjur~~ ir-raġel, Alfredo? ~~X'irid~~ X'ried minn huk Silvio???

Alfredo: (Miblugh) Emmninni, Elisa... iż-żjara tighu hawditni ghal kollox.

Elisa : X'sejrin naghmlu, Alfredo? Kliem dak ir-raġel jurini li jien ghad m'inhix hielsa.

Alfredo: Ghaliex qegheda tibża daqshekk? Li s-Sur Vecchi isir jaf fejn hu hija, m'hix haġa hafifa. Silvio jinsab midfun f'dik l-Għorfa - minn hemm ma tantx jinstab malajr.

Elisa : Alfredo, il-hsieb li ghad nistghu ninqabdu issa reġa' feġġ quddiemi. Ghaliex ma nitbeghedux minn hawn??? Ghaliex ma mmorrux nghixu x'imkien aktar fil-boghod?

Alfredo: Ghidli l'inti thobbni - Ghidli li trid tibqa' mighi bhala marthi w jiena nisma minnek.

Elisa : (Imbikkija:) Alfredo!.....

Alfredo: Elisa, seba' snin ilu, f'qalbi, ghall-gharrieda, heġġu nirien ta' mhabba - dak in-nar, ġie fgat minn hija Silvio - jiena kont nahseb li dik il-fjamma ntfiet ghal kollox, imma mort imqarraq ghaliex din mal-mewt tighu reġghet tkebbset mill-ġdid-fik rġajt rajt l-hena, l-imhabba l-istess hajja... Elisa, jien qieghed nistenniek twiġibni ... irridek tghidli li ghalik jien infisser xi haġa.

Elisa : Alfredo, jekk ftit ilu, ghedtlek l-int ma kont tfisser xejn ghalija, illum fik nara l-istess tjubija - eghmilek iġaghalni ninġibed lejk minghajr ma irrid... iva jiena wkoll nixtieq inhobbok...

Alfredo: Tixtieq.... U ghaliex ma tilqax t-talba tighi? Għaliex ma niżżewġux?

Elisa : Il-hsieb ta' huk Silvio ma ihallinix.....

Alfredo: Silvio ma baqghax ghajr ismu... Isa, Elisa... Ghidli li thobbni....

Elisa : Ghal dak li ghamilt mighi. ma nistax ma nilqax l-imhabba tighek... Weghedni li nidbeghedu minn hawn.~~xxjisxxx~~

Alfredo: Iva, Elisa... ghada stess jiena nbiegh kollox... hawnma nistghux nghixu hinja......

<u>MUSIKA fil-qosor</u>.

Elisa : Alfredo, qalbi tghidli li ma jirnexxilniex nitbeghedu minn hawn - Din l-hena nhoss li ma tixraqlix.

Alfredo: Ghaliex qegheda tahseb hekk? Jiena w int ġejna mahluqa ghal xulxin - bejnietna, illum m'hemm xejn x'jifridna - ahna ninhabbu w hlifna li nkun ta' xulxin - Elisa, ftit iehor w dawm il-Gholjiet ma jibqax ghajr ~~il-memorja~~ it-tifkira taghhom.

Elisa : Ghaliex ma nitilqghux illum stess?

~~Alfredo: M'hux ġa ghedtlek, Elisa? Il-Passaporti ghadhom m'hux lesti. Kif dawn ituhomli, ahna nsiefru minnufieh.~~

HOSS: (Qampiena elettrika)

Elisa : Min ġie, Alfredo?

Alfredo: Ittawwal ftit, ~~qiegħed norbot din il-bagalja~~.

Elisa : (Wara pawsa:) ~~Sinjur~~ Raġel, liebes l-iswed, Alfredo.

Alfredo: Idħol ġewwa.

HOSS: (Passi ħfief - bieb jinfetaħ)

X'għandek bżonn? ~~sinjur~~?

Spettur: Jien, ~~huwa~~ Arturo Pedrotti - xtaqt inkellmek ftit, jekk jogħoġbok.

Alfredo: Għaddi, għaddi, Sur Pedrotti, oqogħod bilqegħeda.

Spettur: Noqogħod għax għejjet nimxi.

Alfredo: X'għandi nservik, Sur Pedrotti?

Spettur: Jekk ma niżbaljax, int applikajt għall-passaport tiegħek u tas-sinjura Elisa Giusti.

Alfredo: Iva, kif ituhomma f'idejna, aħna nsiefru.

Spettur: Jisobbija ngħidlek li dan is-safar għall-issa ġie miżmum.

Alfredo: X'iġifieri? ~~Sinjur~~? Aħna kollox għandna lest - ma jonqosni għajr il-Passaport.

Spettur: ~~Sinjur~~, Bil-mod kollox nirrangaw.

Alfredo: Għadni ma nista' nifhem xejn. Għaliex għandhom iżommuli is-safar? Nista' nkun naf għaliex? Tista' tgħidli f'liema Awtorità qiegħed tkellimni?

Spettur: Ara dan il-biljett, Sur Alfredo.

Alfredo: (B'leħen irpusat:) "Arturo Pedrotti, Spettur tal-Pulizija"

Hoss: ( Minn barra jinstama' kelb jimbaħ)

Spettur: Ismagħni, sur Alfredo.

Alfredo: Għidli, għidli, Spettur.

Spettur: Xi sitt xhur ilu, is-Sur huk, Silvio Rinaldi, issellef is-somma ta' £150 minn għand is-Sur Giacomo Vecchi. Huk kien wegħedu li kellu jħallas din is-somma fi żmien xhar. Billi għadda ħafna żmien u s-sur huk ma wasalx fil-pagament, is-Sur Giacomo, ġie ~~f'din id-dar~~ hawn biex jistaqsi għalieh.

Alfredo: Iva, niftakar.

Spettur: Int kont għedtlu li ma kiex għadu joqogħod hawn u li ma tafx fejn mar. Is-Sur Vecchi, talab lil Pulizija biex ittieħ xi

: ħiel fejn jista' isibu. M'hemmx għalfejn ngħidlek, il-Pulizija għamlet l-istħarriġ tagħha w skond it-tagħrif li kisbet, saret taf li Silvio Rinaldi ma ħariġx mill-Italia.

Alfredo: Imma f'dan kollu, x'għandi x'naqsam jien? Għaliex għandi niġi miżmum mis-safar tiegħi?

Spettur: Sur Alfredo, billi ħuk kellu fuqu dik is-somma li silfu is-Sur Vecchi, u għeb hekk f'daqqa wahda, il-Pulizija qegħeda tissuspetta li seta' ġralu xi ħaġa.

Alfredo: (Inkwetat) Imma dan il-kelb ta' min hu??? Inħossu ħadli rasi.

Spettur: Tigħi, sur Alfredo - billi ma tantx joħroġ, mita isib ruħu barra, f'beraħ bħal dan, jibda jifraħ.

Alfredo: Intant, Spettur?

Spettur: Kif għedtlek, billi hemm xi suspetti li ħuk seta' ġralu xi ħaġa, jiena ġejt nkarigat mill-Kummissarju biex nistħarreġ dan il-kas. Jiena naf li bil-mistoqsijiet li sejjer nagħmillek, forsi sejjer ndejqek - nitolbok tagħder il-kariga tigħi.

Alfredo: F'dak li nista' ngħinek, jien hawn lest biex inwieġbek.

Spettur: Niżżi ħajr. Jekk ma nizbaljax, is-Sur Silvio, kien għamel xi ftit jiem f'din id-dar.

Alfredo: Iva, kien għamel xhar u jumejn.

Spettur: Naħseb li f'dan iż-żmien, tajtu xi kamra biex jgħammar fieha, hux tassew?

Alfredo: Sgur, sgur, ara din tal-faċċata kienet il-kamra tiegħu, Spettur.

Spettur: Nista' naraha ftit, jekk jogħoġbok?

Alfredo: Isbaħ din. Għaddi, għaddi l-hawn.

Hoss: (Passi - bieb jinfetaħ)

Spettur: Arjusa din il-kamra - Xi ġmiel ta' veduta.

Alfredo: X'jidhrilek minn dawk l-għoljiet, Spettur.

Spettur: Sbieħ, sbieħ tassew - il-kwiet li hawn tħossu iħennik.

Alfredo: M'hux dejjem, Spettur - x'imdaqqiet isewwidlek qalbek.

Spettur: Jien ma nafx... isbaħ mill-kwiet ma nsibx, l-aktar mita ikollok arja bħal din - Xi ġmiel ta' għoliet - x'ħemda.

Hoss: (Kelb jimbaħ) 201 c/1

Alfredo: Dak il-kelb għax ma daħħaltux hawn ġew, Spettur?

Spettur: Aħjar le, Sur Alfredo - nibża li jkissirlek xi ħaġa.

Alfredo: Ngħidlek is-sew, l-għajjat tiegħu nħossu dieħel f'rasi.

Spettur: Dal-waqt jiskot - kif jarani jieqaf minnufieh. ~~Sur Alfredo, qiegħed nara din ix-xalla, ma' dan is-siġġu, dina tiegħek?~~ Hares dina il gradenja kien jgħamel użu minnha ħuk kien kien hekk - (jifteħ Kexxun)

Alfredo: ~~Le, dik kien ħallieha warajh hija Silvio.~~ Dan il

Spettur: Jekk tippermettili se noħodha mighi.

Alfredo: Kif jogħoġbok, Spettur.

Spettur: Qabel nitlaq, jekk ma ndejqekx, nixtieq indur dawra dawn l-egħlieqi li għandek hawn taħt.

Alfredo: (Inkwetat:) Isbaħ din - imxi mmorru.

201 c/1

(Waqt li jinstama' il-bieb jinfetaħ ~~,~~ il-kelb jgħajjat aktar fil-qrib)

Spettur: Ma nafx x'fettillek sejjer issiefer - dawn l-egħlieqi ihennuk - xi ġmiel ta' frottijiet.

Alfredo: Fid-dinja, il-bniedem minn kollox jiddejjaq - Billi sejjer niżżewweġ, rajt li hawnhekk, m'hux aktar qagħadi - taf int, in-nisa tal illum, m'hux bħal ta' dari, illum iridu jixxalaw, imorru it-teatri w il-ballijiet - l-aktar mita l-mara tkun għadha żagħżugħa.

Spettur: M'inthix tgħid ħażin, il-mara ta' illum, xejn m'għadha tixbaħ lil dik ta' qabel.

Ħoss: (Il-kelb jimbaħ fil-qrib ħafna.) 201 c/1

Xi trid, ~~Price~~ Fido ? Boby, eh? (Sorpris:) Ġibt l-hawn dik ~~ix-xalla~~ il muffler - ara kemm hu skumnikat... ~~Price~~ Fido ? Boby, ersaq l-hawn... Erhieha għedtlek....

Ħoss: ( L-imbiegħ jidbiegħed xi ftit) 201 c/1

Alfredo: Milli jidher, nebbiexi dal-kelb li għandek.

Spettur: Nebbiexi w intelliġenti - Bil-ħila tiegħu, ħafna drabi rnexxieli nikxef każi tal-biża.

Alfredo: Jidher li hu fuq tiegħu.

Spettur: (B'leħen inkrepattiv:) Klieb bħal dawn, il-Pulizija iżżommhom apposta - ara ftit, għadu kemm ħatafli minn idi din ~~ix-xalla~~ - m'hux soltu tiegħu ~~li~~ jagħmel hekk - ~~Jien mingħajr ma rrid, iġagħalni naħseb x'ġagħalu jaħtafieli minn idi.~~

201 c/1

Ħoss: (Il-kelb jimbaħ bla ma jieqaf fil-bogħod)

Alfredo: (Xi ftit imbażża') X'taħseb li ġagħalu ~~jaħtaflek dik ix-xalla minn idek?~~ jagħmel dan?

Spettur: Jiena naħseb li l-agħar passi li għamel ħuk, kienu f'din il-mogħodija.

Alfredo: Dil-mogħodija, ma tatix għat-triq, Spettur.

Spettur: Forsi qabel telaq ried jaqtaa xi frott, xi tgħid sur Alfredo?

Hoss: (Il-kelb jinstama aktar fil-qrib) 201 c/1

Alfredo: Jista' ikun... jista' ikun.

Spettur: Taf xejn li issa qiegħed idejjaq lili ukoll? Qatt ma għamel hekk - is-soltu, mita jarani, ma jimbaħx iżjed. Jaqaw f'dik l-għorfa għandek xi annimali?

Alfredo: Le, billi sejjer insiefer, l-annimali li kelli begħethom kollha - f'dik l-għorfa, kont inżomm xi ftit tiben.

Spettur: Imma l-kelb bilfors li xamm xi ħaġa - arah, kif qiegħed jogħola mal-bieb tal-għorfa.

Alfredo: Forsi... xamm xi ġurdien.

Spettur: Xi ħaġa xamm sgur.... Imxi naraw, sur Alfredo.

Alfredo: Stennieni ftit hawn, il-muftieħ m'hux qiegħed fuqhi.

Spettur: Mur, mur... jiena qiegħed nistenniek. 201 c/1

HOSS: (Passi jidbegħedu - il-kelb jissokta jimbaħ)

Xi ġralek ~~Prince~~ Vicobo? Eeeh, Sur Alfredo... naħseb li f'din l-għorfa, għandek xi ħaġa oħra, barra mit-tiben w l-ġrieden

Fade out.

Fade in:

Hoss: ( Passi jiġru - bieb jinfetaħ)

Elisa : (Imbażża għal kollox) X'ġara,Alfredo? Għaliex mortu ħdejn dik l-għorfa???

Alfredo: (Irrabjat:) Dak il-mingħul ta' kelb.... Tibżgħax, Elisa.. Fil-għorfa, m'hemm xejn għajr ftit tiben.

Elisa : (Imbikkija:) Aħna mitlufa, Alfredo...

Alfredo: Elisa! Isir x'isir, int ibqa' siekta - tinsiex li għalik jiena sirt kompliċi fil-qtil ta' ħija....

Elisa : X'waħda din.. x'sejjer isir minna???

(Tinfexx tibki ~~kemmxkifkahx~~ )

Alfredo: Tinsiex x'għedtlek.... Fade out.

Fade in: 201 c/1

Hoss: (Passi - l-għajjat tal-kelb għall-ewwel jinstama fil-bogħod, mal-passi, jinstama' aktar fil-qrib)

Alfredo: Hawn jien, Spettur - dewwimtek ftit, hux tassew?

Spettur: Ma jimpurtax... ma jimpurtax... Sur Alfredo, iftaħ jekk jogħoġbok.

Hoss: (Muftieħ fis-serratura - bieba tinfetaħ, il-kelb iżid aktar jimbaħ)

201 c/1

Bobo

Spettur: Għaliex dan l-għajjat kollu, ~~Prince~~? Mindu ħatafli ~~din ix-xaila~~ il mafler, donnu rvella.

Alfredo: X'iġifieri, Spettur?

(Dan il mafler għal kelb)

Spettur: Bħal ma' għedtlek, dan il-kelb, huwa mgħallem biex jgħini fix-xogħol tiegħi. ~~Din ix-xalla għal-Prince għandha~~ rieħa partikulari - ir-rieħa ta' dak li kien jagħmel użu minnha... Sur Alfredo... wisq nibża li taħt din il-ħamrija, qiegħed ixomm l-istess rieħa ta' dan ~~ix-xalla~~ il mafler.

Alfredo: (B'leħen għoli:) Spettur, kliemek ~~huwa offis ħafna.~~ ma jgħogobnix

Spettur: Staqsejtni x'riedt infisser bi kliemi - Jiena wieġibtek Sinjur.

Alfredo: Nistgħu immorru, issa?

Spettur: M'hux għall-issa, Sur Alfredo - il-kariga tiegħi ġġagħalni inqalleb din il-ħamrija.

Alfredo: (B'leħen aktar għoli:) ~~Dan~~ Dan ma nippermettiehx, Spettur.

Spettur: (B'leħen sod:) Sur Alfredo, nitolbok li ma tfixkilnix ~~fix-xogħol tiegħi~~ - dak li sejjer nagħmel ~~tordnahuli l-kariga li għandi.~~ hu dmir tiegħi

Alfredo: (Kommoventi:) Aħfirli, Spettur... imma għidli, kif sejjer tqalleb dik il-ħamrija, ilha tant ma tinqala?

Spettur: Jiena ħsiebt għal kollox, ~~ftit il-bogħod minn~~ hawn, għandi tnejn min-nies - bl-għajnuna tagħhom, jiena neħles malajr.

Bertini Ross ejjew hawn.

Ħoss: (Tisfira tal-Pulizija, ftit fit-tul u Tiffejdja)

Fade in.

Iqfu - M'Hemmx għalfejn tħaffru iżjed. Sur Alfredo, milli jidher, il-kelb tiegħi ma xamx ħażin. Xi tgħidli għal dak il-katavru?

(Pawsa.)

Bqajt sieket. ~~Sur~~ Alfredo, Rinaldi ~~f'Isem il-Ġustizzja~~, jiena narrestak.

Ħoss: (Passi jiġru)

Elisa : (B'nifisha maqtugħ:) Le!... Le!... Alfredo m'hux ħati... Jien... jien biss... kont il-ħatja...

(Waqt li tinfexx f'bikja twila;

Alfredo: (Imbikki:) Elisa!... Elisa! X'għamilt b'idejk???......

MUSIKA QAWWIJA.

Esplosioni